NAXXAR

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 54 - IT-TLIETA 20 TA' DIĊEMBRU 2016**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:05pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku (waslet fis-19:07) |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier (wasal fis-19:40) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier (wasal fis-19:39) |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier |
| | Marlon Brincat | Kunsillier (wasal fis-19:17) |
| Uffiċjali preżenti: | Paul Gatt | Segratarju Eżekuttiv |
| | Benjamin Bugeja | Uffiċjal Eżekuttiv |
| Pubbliku preżenti: | Kien hemm 6 persuni preżenti | |

## 1. QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) għarraf lill-Kunsill li ma kienx irċieva ittri ta' apoloġiji.

## 2. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

2.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Wara kunsiderazzjoni, fuq proposta mill-Viċi Sindku, issekondata mill-Kunsillier Cuomo, il-minuti kienu approvati *nem con*.

2.3. F'dan il-ħin waslet is-Sindku. Il-ħin kien is-19:07.

2.4. Is-SE elenka xi risposti li kellu mill-punti tal-minuti preċedenti.

2.5. Dwar para. 2.4, rigward it-tabelli fin-naħa t'isfel tat-telgħa tal-Għaqba, li tneħħew minn Transport Malta, is-SE informa li kienet intbgħatet email lil Transport Malta.

2.6. Dwar para. 2.5, rigward l-infurzar żejjed li allegatament kien qed isir fil-pjazza, s-SE informa li kienet qed tiġi koordinata laqgħa mal-LESA, li wisq probabbli ssir fil-bidu ta' Jannar.

2.7. Dwar para. 2.6, rigward id-*design contest* tal-Pjazza, is-SE informa li kienet saret l-ewwel laqgħa.

2.8. Dwar para. 2.11, rigward ingaġġ ta' persua oħra biex jaġixxi bħala *Works Manager*, is-SE informa li kien bagħat email lid-Dipartiment biex jara xi skala u grad jista' jitpoġġa.

2.9. Dwar para. 2.12, rigward is-sitwazzjoni tal-ħmieġ fit-toroq, is-SE informa li se ssir laqgħa mad-Direttur tas-CSD.

2.10. Dwar para. 2.14, rigward imwejjed u siġġijiet fil-Pjazza, is-SE informa li bagħat *survey* taż-żona lill-perit tal-Kunsill.

2.11. Dwar para. 2.15, rigward l-*outdoor gym*, is-SE informa li għadu qed jikkomunika mal-perit tal-Kunsill minħabba li issa kellu jagħmel pjanti kompletament ġodda wara li parti sostanzjali mis-sit indikat qabel ġie kostruwit bħala triq minn TM bil-konsegwenza li ż-żona kellha tiċkien.

2.12. Dwar para 3.4, rigward problema ta' traffiku li joħroġ minn Triq in-Nutar Emanuel Debono għal Triq il-Parroċċa, is-SE informa li l-Kunsillier Gatt kien evalwa l-każ u rraporta lura. F'dan il-ħin intervjena l-Kunsillier Gatt billi spjega li din hija sitwazzjoni simili għal kull triq li toħroġ fuq triq maġġuri. Apparti dan ħass li l-problema hija kaġun ta' traskuraġni f'ċertu sewwieqa u mhux ta' mmaniġġjar ta' traffiku. Huwa rrakkomanda li l-marki ta' STOP fi Triq in-Nutar Debono jinżammu tajbin filwaqt li titwaħħal mera faċċata. Din it-talba se tkun qed tiġi diskussa fil-laqgħa tal-kumitat tal-ilmenti.

2.13. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Brincat. Il-ħin kien is-19:17.

2.14. Dwar para 9.2, rigward l-offerta tad-dawl għall-attività tal-Milied, is-SE informa li kellu jmexxi b'*direct order* minħabba li għat-tieni darba ħadd ma kien tefa' offerta.

2.15. Dwar para 9.16, rigward is-suġġeriment tal-Kunsillier Brincat li jittellgħu fuq il-facebook tal-Kunsill l-ismijiet tan-negozi li taw donazzjoni għad-dwal tal-Milied, is-SE informa li din kienet saret.

2.16. Il-Viċi Sindku rreferiet għall-para. 2.12 dwar ħmieġ mill-ħwienet fejn infurmat li kienu marru jduru hi u l-Kunsillier Brincat ikellmu lin-negozji u b'riżultat wieħed li kien qiegħed joħloq problemi rranġa s-sitwazzjoni.

2.17. Dwar para. 2.13, rigward il-parteċipazzjoni ta' folklore fil-V18, il-Kunsillier Brincat informa li kellu l-kuntatt taċ-Chariman, u qal li se jgħaddi l-kuntatt lis-SE biex tkun tista tissejjaħ laqgħa.

2.18. Dwar para. 2.15, rigward l-*outdoor gym*, is-SE informa li qed jistenna mingħand il-Perit. Issemmew ukoll xi xogħlijiet pendenti u s-SE irrimarka li l-Kunsill matul ix-xhur kien qiegħed jieħu deċiżjonijiet fuq proġetti mingħajr ma jkun hemm konsiderazzjoni ta' proġetti oħra bir-riżultat li bħala Amministrazzjoni ma tkunx tista' tistabbilixxi l-prijorità. Kien hemm qbil għalhekk li s-SE jipprepara lista tal-proġetti approvati ħalli l-Kunsill ikun konxju minnhom u jekk hemm bżonn jieħu deċiżjoni fuq il-prijorità tagħhom. Din għandha tkun parti mill-aġenda.

2.19. Dwar para. 9.14, rigward s-suġġeriment tal-Kunsillier Brincat li jmorru l-Kunsilliera stess biex iħajru n-negozji jikkontribwixxu għad-dawl tal-Milied, Il-Kunsillier Brincat staqsa għaliex ma marrux għand il-ħwienet kollha. Ikkummenta li kien hemm nuqqas ta' kordinazzjoni min-naħa tal-Kunsilliera. Is-Sindku u l-Kunsilliera Cuomo wieġbu li meta marru għand xi ħwienet kienu infurmati li kienu diġà marru l-Viċi

Sindku u l-Kunsillier Brincat u huma qatt ma ngħataw lista ta' fejn kien jonqos. Ħassew li kellu jsir kordinazzjoni aħjar.

2.20. Rigward il-laqgħa tas-Sindku mal-Kabinett (para. 14), is-Sindku infurmat li l-punti mressqa minnha kienu milqugħa b'mod pożittiv. Ir-rapport dwar il-punti li tqajmu f'din il-laqgħa anness f'A.

2.21. Il-Kunsilliera Cuomo infurmat li kellha email mingħand is-Sur James Piscopo ta' TM fejn qed jinfurmaha li qegħdin fil-proċess ta' sejħiet għall-offerti għall-*bus shelters*, li jagħlqu fl-10 ta' Jannar.

2.22. F'dan il-ħin il-Kunsill iddeċieda li jissospendi l-laqgħa biex tkun tista tibda l-laqgħa tal-Lokalità. Il-ħin kien is-19:33.

2.23. Il-Kunsillier Agius wasal fit-19:40 waqt il-laqgħa tal-lokalità.

2.24. Il-laqgħa tkompliet fit-20:26.

## 3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1. Is-Sindku infurmat li ma kelliex komunikazjonijiet xi tressaq.

## 4. TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

4.1. Il-Kunsillier Brincat talab li jipposponi għal laqgħa oħra mistoqsija li kellu. Il-Kunsill qabel.

4.2. Il-Kunsillier Brincat ħa l-opportunità li jirringrazzja l-ħaddiema tal-Kunsill kif ukoll ta' Transport Malta tax-xogħol li sar dwar ħofra kbira perikoluża fi Triq il-Fortizza tal-Mosta.

## 5. RAPPORT DWAR L-ANDAMENT TAL-ATTIVITÀ TAL-MILIED

5.1. Is-SE qara r-rapport li kien ħejja dwar l-attività, anness f'B.

5.2. Is-Sindku sostniet li l-Kunsill għandu jiddeċiedi fuq allokazzjoni ta' baġit għall-attività tas-sena 2017 meta jkun hemm lista ta' ħlasijiet kompluta għall-attivtià, biex ikun jista jieħu deċiżjoni infurmata.

5.3. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Sciberras, il-ħin kien id-20:53.

5.4. Il-Kunsillier Brincat issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jikkuntattja lir-rappreżentanti ta' Strumyani u jissuġġerixxi li r-rebbieħa tal-kompetizzjoni folkloristika li jorganizzaw huma, jiġu jieħdu sehem fl-attività tal-Milied tan-Naxxar bħala premju.

5.5. Il-Kunsillier Brincat sostna ukoll li l-Kunsill għandu jaħseb f'baġit tajjeb sabiex l-attività tkun ta' suċċess kif kienet din is-sena.

5.6. Wara diskussjoni kien hemm il-qbil li l-baġit għall-attività għandu jkun ta' €20,000 eskluż il-fondi li jirċievi l-Kunsill mill-Gvern. Kien hemm qbil ukoll li l-attività għandha ssir fuq tlett ijiem li iżda suġġetta għall-diskussjoni l-quddiem fuq il-kontenut.

5.7. Il-Kunsillier Sciberras talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien l-22:01.

5.8. Il-Kunsilliera Cuomo talbet li tkun skużata mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien l-22:02.

## 6. KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

6.1. Il-Kunsill approva (*nem con*) il-lista ta' pagamenti kif annessa f'Ċ wara proposta mill-Viċi Sindku u ssekondata mill-Kunsillier Agius.

6.2. Il-Kunsill approva wkoll ir-rendikonti tad-dħul u ordnijiet. Dawn huma annessi f'D u E rispettivament.

## 7. MOZZJONI GĦALL-WIFI SPOT FIL-PJAZZA

7.1. Il-Kunsillier Galea ressaq mozzjoni biex tkun installata wifi spot fil-Pjazza.

7.2. Is-SE informa li sena ilu d-Dipartimet kien bagħat sejħa għall-interess biex isiru wifi spots fil-lokalitajiet. Il-Kunsill kien bagħat lista ta' postijiet fin-Naxxar, u informa li l-Pjazza kienet inkluza fuq quddiem nett.

7.3. Is-SE informa ukoll li kienet intbagħatet tfakkira lid-dipartiment rigward dan, għaliex minn dak iż-żmien il-Kunsill ma kien sema' xejn aktar.

## 8. TISBIEĦ TRIQ SANTA LUĊIJA

8.1. Is-SE informa li kien mar fuq il-post flimkien mal-Perit tal-ELC kif ukoll is-Sur Attard tal-ELC. Informa li s-Sur Attard għandu jibagħat stima flimkien mat-tip ta qsari li jistgħu jipprovdu.

8.2. Is-SE issuġġerixxa li l-proġett ikun attwat f'biċċiet, b'konsultazzjoni mar-residenti. Importanti li l-ewwel biċċa tal-proġett ikun meqjus bħala proġett pilota, b'mod li jkun eħfef biex isiru l-partijiet l-oħra.

8.3. Il-Kunsill qabel.

## 9. URBAN GREENING PROJECT

9.1. Is-Sindku u Viċi Sindku daru partijiet tan-Naxxar biex jidentifikaw xi postijiet fejn jistgħu jitpoġġew pjanti jew siġar.

9.2. Kien iffukat l-aktar fuq is-Sgħajtar u s-SE kien mitlub iħejji d-dettalji fuq notamenti ppreparati mis-Sindku.

## 10. INIZZJATTIVI GĦAQAL FID-DAR

10.1. Il-Kunsill approva li japplika għal dan il-proġett.

## 11. TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

11.1. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 24 ta' Jannar 2017 fis-19:30.

11.2. Il-laqgħa ntemmet fl-22:33.

**MARIA F. DEGUARA *MD,MMCFD***
**SINDKU**

**PAUL GATT DIP.MGMT (HENLEY), MIM**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**A**

**Laqgħa mal-Kabinett 2016**

It-Tlieta 6 ta' Diċembru fil-Mosta

Intervent mis-Sindku tan-Naxxar

Onorevoli Prim Ministru,

Nirringrazzjak talli tajtna l-opportunità li nwasslu l-messaġġ tagħna direttament lilek. Ħafna mill-bżonnijiet jirrikjedu l-ħidma ta' diversi Ministeri u għalhekk tajjeb li jkun hawn il-kabinett kollu.

1. In-Naxxar ibgħati ħafna b'konġestjoni tat-traffiku fiċ-ċentru, fil-Bypass u madwar ir-roundabouts. Nafu li TM għandha l-ħsieb li tirranġa l-flow tat-traffiku bejn in-Naxxar u San Ġwann. Aħna konvinti li biex titnaqqas il-konġestjoni miċ-ċentru u l-periferija tan-Naxxar il-Gvern Ċentrali għandu jippjana u jattwa l-Bypass bejn Triq Forġa u Triq il-Labour li ilha maħsuba għal snin fuq il-Local plan.
2. Problema oħra hi l-parking fiċ-Ċentru tan-Naxxar. Mezz biex tissolva din il-problema hi li jitħaffer underground parking taħt l-unika żewġ open spaces li fadal fiċ-Ċentru. Jew taħt il-bandli, li hi art publika jew taħt il-bitħa tal-Oratorju proprjetà tal-knisja. Proġett bħal dan irid finanzi kbar li l-Kunsill m'għandux u għalhekk nixtiequ li l-Gvern jgħinna biex naraw din il-ħolma sseħħ.
3. Parking taħt l-art jgħin biex nistgħu nwettqu proġett ieħor ta' tisbieħ tal-pjazza li l-għan tiegħu hu li nagħtu l-pjazza lura lill-poplu u ma nħallux it-tempju tal-paroċċa jintuża iżjed bħala roundabout.
4. Il-mitħna tal-Għaqba ġiet devoluta lill-kunsill Naxxari. Diġa' ħejjejna l-pjanti kif nixtiequ nirranġawha u dawn ġew approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar. Qegħdin fil-proċess li napplikaw għall-fondi Ewropej biex nistgħu nibdew ix-xogħol. Jekk ma nġibux fondi, Onor. Prim Ministru, nitolbok tipprovdilna ħaddiema għar-restawr u finanzi biżżejjed biex il-mitħna tan-Naxxar terġa tingħata l-glorja li darba kellha kif diġà sar mal-mitħna taż-Żurrieq. Proġett li meta jitlesta jattira iżjed turisti lejn in-Naxxar. Ix xewqa tal-kunsill hi li jagħmel in-Naxxar post turistiku.
5. Triq il-Kosta tlestiet u prosit ta' dan il-proġett però r-residenti tas-Salini qed ibgħatu konsegwenzi perikolużi għax għad m'hemmx railing tul it-triq li tagħaddi fuq Triq il-Kosta.
6. L-embellishment fid-daħla ta' Baħar iċ-Ċagħaq għadhu ma sarx.
7. Nixtiequ li kif l-Awtorità tal-Ippjanar għamlet fil-konfront tal-Jerma Palace l-istess tgħamel ma' binja kbira ġo Bahar iċ-Ċagħaq fi Triq Anton Manwel Caruana li ilha abbandunata iżjed minn għoxrin sena u li hija ta' periklu u 'eye sore'.
8. Issa li ġie għal widnejna li l-problema tal-Bus Shelters ġiet solvuta nitolbok li ningħataw il-bus shelters li għandna bżonn kemm fiċ-Ċentru u ġo Baħar iċ-Ċagħaq malajr kemm jista' jkun ħalli nnaqqsu t-tbatijiet li ilhom isofru r-residenti dawn l-aħħar snin.
9. Bħal issa l-kunsill għaddej bil-projett tal-bandli, tal-Ġnien Toni Vella ħalli ngħatu lit-tfal tagħna dak li jisħoqilhom, u tal-Outdoor Gym biex intejbu s-saħħa tar-residenti. Tista' timmaġina kemm flus trid! Vera li l-budget tagħna żdied b'9% u ta' dan nirringrazjak

iżda dan mhux biżżejjed biex inlaħħqu mal-proġetti. Għalhekk nixtiequ li tgħinna iżjed finanzjarment biex il-kunsill ikollu garanzija li jista' jwettaq u jsostni l-proġetti Kapitali.

10. Fejn jista' l-kunsill dejjem jgħin l-anzjani tad-Day Centre, bħal transport, bdil ta' lift u manutenzjoni tas-sala bil-bdil tal-airconditioners. Wara l-aħħar xita daħal ħafna ilma mis-saqaf tas-sala fejn jiltaqgħu l-anzjani. Spiża oħra mhux mistennija. Nixtiequ li ningħataw l-għajnuna mill-Ministeru tal-Anzjani f'din it-tiswija.

Hemm affarijiet oħra li xtaqt insemmi bħar-rijabilitazzjoni tal-Miżbla tal-Magħtab li ssir Park Nazzjonali u oħrajn.

Inħossni onorata li mmexxi Kunsill li minkejja l-inizjattivi li ħadna u l-proġetti li wettaqna dejjem żammejna s-sitwazjoni finanzjarja b'saħħita. Din hija prova tal-għaqal u l-kapaċità tal-kunsill Naxxari u b'wiċċi minn quddiem ngħid li l-kunsilli bħal tagħna għandhom jingħataw aktar Awtonomija. Il-lokalitajiet jirriflettu s-sitwazjoni tal-pajjiż u għalhekk il-Gvern għandu jsostnihom u jaħdem id f'id magħhom għax finalment il-kunsilli jilgħabu parti importanti fl-ekonomija ta' Malta.

Maria F. Deguara,

Sindku

**B**

## EVALWAZZJONI TAL-ATTIVITÀ IR-RAĦAL FIL-MILIED 2016 MILL-AMMINISTRAZZJONI

Saret laqgħa bejn il-membri tal-amministrazzjoni nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru fejn ħarġu diversi punti bil-ħsieb li l-andament tal-attività jitjieb. Dawn il-punti huma:

1. Bħala kummenti ġenerali, kienu kummenti pożittivi. Kellna ħafna kummenti li l-organizzazzjoni kienet tajba u m'aħniex konxji minn ilmenti dwar problemi li seta' kien hemm.
2. Il-promozzjoni jidher li kienet tajba għaliex ħalliet effett tajjeb.
3. Kien hemm nuqqas ta' ikel jinbiegħ fuq barra. Għalkemm kien hemm postijiet fejn wieħed isib l-ikel, l-ikel fi stalls kien nieqes.
4. Il-post fejn issir l-attività kien tajjeb u għalhekk għandha tibqa' ssir fil-Pjazza u tkun estiża sakemm l-attivitajiet u l-istalls jippermettu.
5. Il-Kunċert tas-Sibt kien tajjeb iżda għandu jkun iqsar (ċirka siegħa) u m'għandux ikun hemm waqfa. Kien innutat li appena kien hemm l-intervall in-nies mill-kunċert tħarbtet.
6. Fir-rigward tat-tinda ta' fuq il-palk, għandu jiġi speċifikat li m'għandu jkun hemm xejn fin-naħa ta' quddiem li tnaqqas il-visibilità ta' min ikun fuq il-palk. Għandha tkun tinda speċifika għal fuq palk.
7. Il-palk għandu jkun ikbar biex jakkomoda l-mużiċisti aħjar.
8. Il-volum tas-sound system xi drabi kien ftit għoli.
9. Is-sejħiet għall-offerti għandhom jinħarġu minn ħafna qabel. Idealment sa Ġunju jkunu lesti.
10. Booking ta' nies u/jew oġġetti biex jintużaw/jiġu esebiti waqt l-attività għandu jsir kmieni kemm jista jkun.
11. Tabelli tan-no parking – għandhom isiru iktar. Irridu naċċertaw li l-ħaddiema jpoġġuhom eżatt skont l-istruzzjonijiet. Dwar dan għandhom jiġu ordnati aktar tabelli iżda fejn hu possibli jitwaħħlu tabelli anki ma' siġar u arbli.
12. Stalls, għandhom jiġu ordnati mill-inqas ħamsa oħra.
13. Għandu jsir xi ħaġa mal-istalls bħala piż biex jinżammu fil-post mingħajr il-bżonn li jinqalbu. Din is-sena inġiebu bricks mislufin minn Central Asphalt iżda kien rakkomandat li tkun xi ħaġa magħmula apposta u li magħha tintrabat l-istall.
14. L-istalls għandhom ikunu armati bis-saqaf tal-plastic li ma jkunx plastic tal-benneja iżda plastic pulit ċar. Fil-ġnub għandhom isiru folji tal-injam biex joffru kenn għall-bejjiegħa.
15. Għandhom isiru tabelli standard ma' fuq ta' kull stall bl-isem tal-ġeneru jew ta' min qiegħed jarma. Isiru wkoll ftit dawl tal-Milied li jżejjen.
16. L-armar  tal-istalls għandu jsir aktar kmieni.
17. Il-ħinijiet tal-Wardens għandhom ikunu aktar kmieni, minħabba n-nuqqas ta' koperazzjoni mis-sewwieqa li jipparkjaw xorta. Kellna diversi problemi bil-vetturi pparkjati.
18. Il-barriers tal-Kunsill għandhom jitwaħħlu b'wedge biex ma jkunux jistgħu jitneħħew faċilment.
19. L-allokazzjoni ta' stalls għandha ssir b'mod li l-ewwel japplikaw, jiġu allokati ż-żoni skont l-applikazzjonijiet, imbagħad wara tissejjaħ laqgħa magħhom biex jiġu allokati skont l-ordni tal-applikazzjonijiet. L-armar tal-istalls għandu jsir taħt superviżjoni stretta biex ħadd ma jieħu spazju ta' ħaddieħor. Il-pjazza għandha takkomoda aktar stalls.
20. Anakron hija attrazzjoni sabiħa iżda għandhom ikunu aktar viżibbli. Dan jista' jsir permezz ta' xenarju sempliċi fuq wara. Ideali li jkun hemm anki kummentarju għaddej.
21. Il-persuna li pprovda l-karozzini naqas li jinforma minn qabel li se jġib il-karozzini minflok in-nemnebus. Ir-raġuni mgħotija kienet li n-nemnebus ma kienx assikurat. Issir insistenza li jekk ikun se jsir xi tibdil għandha tkun infurmatha l-amministrazzjoni.
22. Għandu jinsab post aħjar fejn jitpoġġew iż-żwiemel.

23. Il-Kunsilliera mistennija li jieħdu rwoli speċifiċi biex jgħinnu fl-organizzazzjoni. Eżempju hemm bżonn ta' aktar impenn mill-għaqdiet u mill-Knisja biex joffri diversi inizjattivi u għal dan huwa essenzjali li jkun hemm xi ħadd li jikkordina magħhom.
24. Il-wirja tal-arti għandu jkollha tema iżda m'għandhomx jinżammu milli jesebixxu arti b'temi differenti.
25. Jitqabbad persuna li jgħin fil-kordinazzjoni.
26. Minħabba li fl-2017 se taħbat festa l-Ġimgħa, suġġerit li l-attività tiftaħ il-Ġimgħa 8 ta' Diċembru filgħaxija u tibqa' sal-Ħadd. B'dan kemm il-Ġimgħa kif ukoll is-Sibt l-attività tkun mis-18:00 l-quddiem u l-Ħadd mis-2:30pm.
27. L-attrazzjonijiet u l-entertainment kollha li kien hemm din is-sena jerġgħu isiru filwaqt li ideat ta' attrazzjonijiet oħrajn jinkludu:
    a. Wirja ta' *flower arrangements*.
    b. Wirja tal-Bon Sai.
    c. Wirja ta' presepji li jkunu għamluhom it-tfal tal-iskejjel (kollaborazzjoni mal-iskejjel).
    d. Wirja ta' kartolini tal-milied mit-tfal.
    e. Isiru kuntatti biex jipparteċipaw Folk Groups Maltin kif ukoll barranin.
    f. Persunaġġ ta' 'Grinch' biex joqgħod jiċċajta man-nies fit-triq.
    g. Wirja tal-fniek.
    h. Wirja tal-klieb, qtates/pets.
    i. Parteċipazzjoni mill-falkunieri.ż
28. Finalment kien espress l-importanza li l-Kunsill jieħu deċiżjoni jekk jista' jkun fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Deċiżjoni bikrija twassal għal xogħol aħjar b'ħafna inqas stress.

**Paul Gatt**

Segretarju Eżekuttiv 19 ta' Diċembru 2016

ċ

**Kunsill Lokali: In-Naxxar** **Skeda Nru. Laqgha 54**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data: Mit-22 ta' Novembru 2016 sat-12 ta' Diċembru 2016**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Anton Zarb | €297.36 | €297.36 | D | PF | Bicycle stand at the Naxxar Primary School | 26-10-16 | 148-16 | 5580 | 5580 | 7225 | |
| 2 | Archway Ironmongery | €363.59 | €363.59 | D | PF | Cable ties, tape, salvavita, drill 10mm, galv. Wire, pvc tape, gas, etc | 15-11-16 | 38301 | 5677, 5693, 5708 | 5677, 5693, 5708 | 2210 | |
| 3 | Argus Insurance Agencies Ltd | €797.56 | €797.56 | NA | PF | Motor accident: 2015PRI0559 - GBN: 669 (Case no. 859/15) | 17-11-16 | n/a | n/a | n/a | | 20160 |
| 4 | Arms Ltd | €749.68 | €749.68 | NA | PF | Electricity & water consumption bill - NLC offices [12/10/2016 till 11/11/2016] | 26-11-16 | 23156207 | n/a | n/a | 2130 | 20239 |
| 5 | Bitmac Works Ltd | €36.40 | €36.40 | K | PF | Instant road repair | 07-12-16 | 135423 | 5711 | 5711 | 2311 | |
| 6 | Bitmac Works Ltd | €45.50 | €45.50 | K | PF | Instant road repair | 09-12-16 | 135524 | 5715a | 5715a | 2311 | |
| 7 | Bruce Cortis | €50.00 | €50.00 | NA | PF | Refundable guarantee with re. to participation in the Xmas Event Dec 16 | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 20243 |
| 8 | Cash | €102.93 | €102.93 | NA | PF | Petty cash - end of Nov 16 | n/a | n/a | n/a | n/a | 5010 | 20235 |
| 9 | CDA Ink & Toner Ltd | €44.99 | €44.99 | D | PF | Ink for office's printer | 28-11-16 | 13311 | 5680 | 5680 | 2670 | |
| 10 | Charmaine Borg | €80.00 | €80.00 | D | PF | Cultural tours of Naxxar for Kampanja Familja Attiva Event Helath Awareness Initiative [9/10/2016] | 07-12-16 | 2016025 | 5602a | 5602a | 3370 | |
| 11 | Christopher Sciberras | €188.00 | €188.00 | D | PF | 6 boxes of xmas lights | 24-11-16 | 11247 | 5686 | 5686 | 3362 | |
| 12 | Christopher Sciberras | €94.00 | €94.00 | D | PF | 3 boxes of xmas lights | 29-11-16 | 11249 | 5695 | 5695 | 3362 | |
| 13 | Christopher Sciberras | €228.00 | €228.00 | D | PF | Stilla & 6 boxes of 200 xmas lights each | 02-12-16 | 11250 | 5701 | 5701 | 3362 | |
| 14 | Correct Termination Ltd | €1,327.50 | €1,327.50 | T | PF | Provision of 1 yr streaming & 1 yr maintenance agreement (Dec 16 till Nov 17) | 30-11-16 | CTL14111 6 | n/a | n/a | 3110 | |
| 15 | Datatrak IT Services | €15.23 | €15.23 | NA | PF | 2 pre regional tickets paid in Nov 16 | 30-11-16 | 1011783 | n/a | n/a | 3610 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | NA | PF | Advert on Govt Gazette dated Fri 25/11/2016 iro Lighting quotation "Xmas Event Dec 16" | n/a | n/a | 5678 | 5678 | 2940 | |
| 17 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | NA | PF | Advert on Govt Gazette dated Fri 2/12/2016 iro Toy Run permit | n/a | n/a | 5691 | 5691 | 2940 | 20226 |
| 18 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | NA | PF | Advert on Govt Gazette dated Fri 16/12/2016 issue i.r.o. Naxxar Locality Meeting | n/a | n/a | 5706 | 5706 | 3330 | 20236 |
| 19 | Dimbros Ltd | €572.81 | €517.20 | T | PF | Bulky refuse collection - Nov 16 | 03-12-16 | 1728 | n/a | n/a | 3042 | |
| 20 | Dr Leonard Caruana | €31,992.27 | €31,992.27 | NA | PF | Ammont dovut lis-Socjeta Avantgarde Projects Ltd kif ukoll hlas ta' spejjez gudizzjarji (Case no. 4064/2014) | 17-11-16 | n/a | n/a | n/a | | 20159 |
| 21 | EHL Hire Shop | €59.07 | €59.07 | D | PF | Hire of chaser + hoover + disc to repair decorative pole bus terminus | 22-11-16 | 17991 | 5672 | 5672 | 2310 | |
| 22 | Enemalta | €233.00 | €233.00 | NA | PF | Update of database, form A & demarcation charges [annual fee 2017] | 30-11-16 | 18000025 43 | n/a | n/a | 2130 | |
| 23 | Environmental Landscapes Consortium Ltd | €3,047.92 | €3,047.92 | T | PF | Garden maintenance - Nov 16 | 30-11-16 | 18536 | n/a | n/a | 3061 | |
| 24 | Fr Paul Attard | €160.00 | €160.00 | D | PF | Usage of BIC Hall for the Circuit Training sessions (Aug till Nov 16) "BIC" | 06-12-16 | Nxr 3/16 | 5552a | 5552a | 3381 | |
| 25 | G4S Security Services Ltd | €223.02 | €223.02 | D | PF | Cash collection service - Nov 16 | 30-11-16 | GS015858 | n/a | n/a | 3190 | |
| 26 | Galea Curmi Engineering Consultants | €179.36 | €179.36 | D | PF | Consultancy of street lighting xmas décor 2015 & 2016 - testing of distribution boards switchgear and endorsement of Enemalta application forms | 24-11-16 | 4883 | n/a | n/a | 3065 | |
| 27 | Go plc | €15.58 | €15.58 | NA | PF | Rental charge - Dec 16 (21417224) | 06-12-16 | 51828372 | n/a | n/a | 2160 | 20244 |
| 28 | Go plc | €15.58 | €15.58 | NA | PF | Rental charge - Dec 16 (21416363) | 06-12-16 | 51828454 | n/a | n/a | 2160 | 20245 |
| 29 | Go plc | €59.16 | €59.16 | NA | PF | Rental charge - Dec 16 (21416341) & consumption - Nov 16 | 06-12-16 | 51828450 | n/a | n/a | 2160 | 20246 |
| 30 | IGB Hardware | €12.60 | €12.60 | D | PF | Heavy duty garbage bags & 20mm clips | 22-11-16 | 1066 | 5678a | 5678a | 2210 | |
| 31 | IGB Hardware | €20.45 | €20.45 | D | PF | 3Cx1.5mm, double switch, surface 3x6 box, h/d plug, sand 20kg, 8mm clips | 23-11-16 | 1067 | 5678a | 5678a | 2210 | |
| 32 | IGB Hardware | €34.85 | €34.85 | D | PF | Cable ties, robolts 8mm O hook, WD-40, clips for galv. Wire, galv. Wire | 26-11-16 | 1078 | 5687a | 5687a | 2210 | |
| 33 | IGB Hardware | €12.70 | €12.70 | D | PF | 100 16mm u clips & 4x40mm chipboard screws | 01-12-16 | 1080 | 5698a | 5698a | 2210 | |
| 34 | IGB Hardware | €7.90 | €7.90 | D | PF | Master silicone transparent & nuovo stucco | 05-12-16 | 1086 | 5707a | 5707a | 2210 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 35 | Image Systems Ltd | €112.87 | €112.87 | T | PF | Ink per page for office's photocopier - Nov 16 | 30-11-16 | 228232 | n/a | n/a | 2670 | |
| 36 | Impressions Ltd | €558.14 | €558.14 | D | PF | Printing of 8 large prints for billboards "Xmas Event Dec 16" | 29-11-16 | 60261 | 5689 | 5689 | 3370 | |
| 37 | Impressions Ltd | €138.06 | €138.06 | D | PF | Printing of 2 posters for large sentinel boards "Xmas Event Dec 16" | 29-11-16 | 60267 | 5689 | 5689 | 3370 | |
| 38 | Ing. Ray Spiteri | €318.60 | €318.60 | D | PF | Preparation of technical specifications re. Naxxar Local Council's lift | 24-11-16 | NLC/02/16 | 5552 | 5552 | 2375 | |
| 39 | JB Stores Ltd | €166.80 | €166.80 | D | PF | 4 adhesive sprays & 30 mtrs felt "exhibition panels" | 31-10-16 | 29605 | 5645 | 5645 | 7210 | |
| 40 | JB Stores Ltd | €148.75 | €148.75 | D | PF | 25 cushions "KLZ MeetTeen Project" | 28-10-16 | 29608 | 5636 | 5636 | 3410 | |
| 41 | Jennings Falzon | €50.00 | €50.00 | NA | PF | Refundable guarantee with re. to participation in the Xmas Event Dec 16 | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 20242 |
| 42 | Jurgen Attard | €296.00 | €296.00 | T | PF | Football ground warden - Nov 16 | 30-11-16 | 158765 | n/a | n/a | 3191 | |
| 43 | Jurgen Attard | €1,607.50 | €1,607.50 | T | PF | Handyman service - Nov 16 | 30-11-16 | Nov-16 | n/a | n/a | 3125 | 20233 |
| 44 | Kumitat Festi Esterni Naxxar | €400.00 | €400.00 | D | PF | Armar ta' arbli fil-pjazza u fi Vjal il-Labour (x16) | 20-11-16 | 191F/16 | 5674a | 5674a | 3362 | |
| 45 | Leo's Garage Paramount | €175.96 | €175.96 | D | PF | Transport service for the elderly - Oct 16 | 31-10-16 | 10003499 | 5553 | 5553 | 2720 | |
| 46 | Mailbox Services Ltd | €124.57 | €62.29 | D | PF | Distribution of Kampanja Familja Attiva flyers Oct 16 | 12-10-16 | 3654 | 5589 | 5589 | 2670 | |
| 47 | Maltapost plc | €118.11 | €118.11 | T | PF | Distribution of Xmas Event Dec 16 flyers | 24-11-16 | 55044 | n/a | n/a | 2670 | |
| 48 | Maria Deguara | €722.56 | €722.56 | NA | PF | Mayor's allowance - Nov 16 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 49 | Master Cellars | €57.60 | €57.60 | D | PF | Palatino SC Vermentino 75cl qty 12cases "Xmas Event Dec 16" | 10-12-16 | 24076 | 5716 | 5716 | 3370 | |
| 50 | Melita plc | €19.98 | €19.98 | NA | PF | TV monthly service - Dec 16 & Jan 17 | 01-12-16 | 10388948 1 | n/a | n/a | 2165 | 20237 |
| 51 | Melita plc | €112.30 | €112.30 | NA | PF | Telephony monthly bill - Nov 16 (27013044) & internet fibre power - Dec 16 | 01-12-16 | 10389064 0 | n/a | n/a | 2160 | 20238 |
| 52 | Nicky's Butcher | €130.00 | €130.00 | D | PF | 20kg minced beef & 20kg beef knuckle "Xmas Elderly Event Dec 16" | 07-12-16 | 2449874 | 5712 | 5712 | 3410 | |
| 53 | Polidano Brothers Ltd | €592.03 | €592.03 | T | PF | 5% retension fee for the pavement works in Triq it-Tunnara | 13-10-16 | 179658 | n/a | n/a | 7220 | |
| 54 | Sandro Caruana | €466.29 | €466.29 | T | PF | Public Convenience cleaning - Nov 16 | 30-11-16 | Nxr_Nov 16 | n/a | n/a | 3053 | |
| 55 | Spiral Design | €41.30 | €41.30 | D | PF | Print on 2mm PVC banner "MeetTeen KLZ" | 05-12-16 | 3631 | 5700 | 5700 | 2670 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 56 | SRF & Veladrians | €2,733.62 | €2,733.62 | T | PF | Collection of skips on wheels - Oct 16 | 01-11-16 | 718 | n/a | n/a | 3043 | |
| 57 | SRF & Veladrians | €6,809.21 | €6,809.21 | T | PF | Collection of mixed household waste - Oct 16 | 01-11-16 | 717 | n/a | n/a | 3041 | |
| 58 | Staff wages | €8,394.72 | €8,394.72 | NA | PF | Staff wages - Nov 16 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 59 | Trademargin Ltd | €53.12 | €53.12 | D | PF | Rubber bands, laminating film A4, laminating film A5, notebook A5 x2, pens x36 | 29-11-16 | 102262 | 5679 | 5679 | 2620 | |
| 60 | Travel Services Malta Ltd | €315.00 | €315.00 | D | PF | Booking of 3 single rooms for 3 pax for 3 nights iro Greek foreign delegation during the Xmas Event Dec 16 | 10-12-16 | 184031 | 5692 | 5692 | 3330 | |
| 61 | Union Print Ltd | €215.25 | €215.25 | T | PF | Printing of 5700 A5 flyers "Xmas Event Dec 16" | 30-11-16 | 9000 | n/a | n/a | 3370 | |
| 62 | Vassallo Remove Furniture & Lifting Service | €85.00 | €85.00 | D | PF | Lifting of rain water culverts in Triq San Pawl for the cleaning of such culverts | 21-07-16 | 1776 | 5545a | 5545a | 2310 | |
| 63 | Victor Mula | €1,891.85 | €1,891.85 | T | PF | Handyman service - Nov 16 | 30-11-16 | Nov-16 | n/a | n/a | 3125 | 20234 |
| 64 | Victor Xuereb | €100.00 | €100.00 | D | PF | Xoghol fuq il-fanali fl-eks venda fi Triq tal-Labour u manutenzjoni fuq il-funtana fil-pjazza | 23-11-16 | 10349422 | 5682 | 5682 | 2310 | |
| 65 | WasteServ Malta Ltd | €4,791.72 | €2,513.71 | NA | PP | Allocated msw waste - Oct 16 (1st half) | 01-11-16 | 68638 | n/a | n/a | 3040 | |
| 66 | WasteServ Malta Ltd | €5,027.71 | €2,513.71 | NA | PP | Allocated msw waste - Oct 16 (2nd half) | 15-11-16 | 68926 | n/a | n/a | 3040 | |

**D**

**Income List for the month of November 2016** **01-12-16**

| **Code** | **Description** | **Amount** |
|---|---|---|
| 0020 | Commercial/directional signs | €46.58 |
| 0025 | Skip Permit | €66.48 |
| 0026 | Crane Permit | €2,885.26 |
| 0027 | Kiosk Permit | €310.00 |
| 0028 | Outside Activity Permit | €55.80 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €262.98 |
| 0036 | Contraventions | €2,453.94 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €2.90 |
| 0100 | Donations / sponsorships | €675.00 |
| 0121 | Advertising | €9.32 |
| 0125 | Trenching permits | €6.00 |
| 4006 | Contractors guarantees | €3,040.00 |
| 4007 | Other refundable deposits (such as for Gita, staff dinner etc) | €100.00 |
| | **TOTAL** | **€9,914.26** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 19392 |
| | To | 19679 |

**E**

**Purchase Order list for the month of November 2016** **01-12-16**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 01-11-2016 | 5649 | Koptasin Ltd | Directional signs, poles, turn left sign, Turn right sign. | €184.11 |
| 01-11-2016 | 5649a | Jurgen Attard | Xoghol ghad-dawl tal-Milied (fustuni ġodda) | €700.00 |
| 02-11-2016 | 5650 | Koptasin Ltd | pedestrian; 2 way signs + poles and brackets | €91.30 |
| 02-11-2016 | 5651 | *Cancelled* | | |
| 02-11-2016 | 5652 | *Cancelled* | | |
| 03-11-2016 | 5653 | Lino Skip Services | Service of a skip next to Civic Centre | €70.80 |
| 03-11-2016 | 5654 | Koptasin Ltd | 2 no entry signs & 2 directional signs c/w poles | €133.38 |
| 03-11-2016 | 5655 | Archway Ironmongery | Silicone, 6 nuts, rollers, handles, ramel | €17.12 |
| 03-11-2016 | 5656 | IGB Hardware | RVC tape black, led bulbs & Duct tape | €34.90 |
| 04-11-2016 | 5657 | Golden Gate Ltd | Orange files (not tabbed) | €605.34 |
| 04-11-2016 | 5658 | Koptasin Ltd | Kaxxa brackets | €28.50 |
| 04-11-2016 | 5659 | A to Z Ltd | TV bracket "KLZ" | €19.95 |
| 07-11-2016 | 5660 | Supreme Coaches | Open bus fun tour for BIC Xmas Event Dec 16 "BIC" | €200.00 |
| 08-11-2016 | 5661 | IGB Hardware Store | Trapan, kavilji, plugs, rollbolts, halogen tubes | €25.72 |
| 09-11-2016 | 5662 | Calleja Ltd | PVC armoured cable, etc | €72.17 |
| 09-11-2016 | 5663 | Anakron Living History | Anakron Medieval Banquet setup: 20 participants, Tavern setup, weapons exhibition, archery setup "Xmas Event Dec 16" | €750.00 |
| 09-11-2016 | 5664 | *Cancelled* | | |
| 10-11-2016 | 5665 | Archway Ironmongery | Flonge, rollbolts, tape | €16.60 |
| 14-11-2016 | 5666 | DOI | Advert on Govt Gazette for Bow and Ribbon's event | €9.32 |
| 14-11-2016 | 5667 | Koptasin | Un/loading near master cellars, no waiting signs near archway | €177.60 |
| 15-11-2016 | 5668 | Velton Trading | 970 led white bulbs 1watt | €1,164.00 |
| 15-11-2016 | 5669 | PJ Electrical & Hardware | 200 led white bulbs 1watt & 10w LED bulbs | €415.00 |
| 15-11-2016 | 5670 | Guggen Band | 2hrs music between 17:30hrs & 20:00hrs Sun 11/12/2016 "Xmas Event Dec 16" | €1,000.00 |
| 16-11-2016 | 5671 | Leo's Garage Paramount | Transport service for the elderly [01/01/2017 till 30/04/2017] | €747.84 |
| 16-11-2016 | 5672 | Equipment Hire Shop | Hire of chaser + hoover + disc to repair decorative pole bus terminus | €59.00 |
| 16-11-2016 | 5673 | Mtarfa Drama Group | Stage and Crib re-enactment "Xmas Event Dec 16" | €400.00 |
| 17-11-2016 | 5673a | Bitmac Works Ltd | Instant road repair | €36.44 |
| 18-11-2016 | 5674 | Silvio's Chairs | Hire of 350 pvc chairs "Xmas Event Dec 16" | €230.10 |
| 18-11-2016 | 5674a | Kumitat Festi Esterni Naxxar | Armar ta' 16-il arblu fil-pjazza u fi Vjal il-Labour | €400.00 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 23-11-2016 | 5675 | Say it! Malta | 50 bookmarks personalized "MeetTeen Project KLZ" | €25.00 |
| 22-11-2016 | 5676 | James Caterers | Cake for 30pax "MeetTeen Project KLZ" | €32.50 |
| 22-11-2016 | 5677 | Archway Ironmongery | Cable ties, tape & salvavita 40Amps | €84.36 |
| 22-11-2016 | 5678 | DOI | Advert for quotations for Christmas event | €18.64 |
| 22-11-2016 | 5678a | IGB Hardware Store | Heavy duty garbage bags & 20mm clips; 3Cx1.5mm, double switch, surface 3x6 box, h/d plug, sand 20kg, 8mm clips | €33.05 |
| 23-11-2016 | 5679 | TradeMargin Ltd | Stationery for office use | €53.13 |
| 23-11-2016 | 5680 | COA Ink & Toner | toner for front desk | €44.99 |
| 23-11-2016 | 5681 | Andrew Abdilla | Electrician service | €1,164.00 |
| 23-11-2016 | 5682 | Andrew Abdilla | Xoghol fuq il-fanali fl-eks venda fi Triq tal-Labour u manutenzjoni fuq il-pompa tal-funtana tal-pjazza | €94.40 |
| 24-11-2016 | 5683 | Eden Leisure Group | Adverts on Bay radio "Xmas Event Dec 16" | €951.08 |
| 24-11-2016 | 5684 | One Productions Ltd | Adverts on ONE radio "Xmas Event Dec 16" | €177.00 |
| 24-11-2016 | 5685 | Medialink Communications | Adverts on 101 radio "Xmas Event Dec 16" | €198.24 |
| 24-11-2016 | 5686 | Chris B. Ltd | 6 boxes of 200 xmas lights each | €188.00 |
| 25-11-2016 | 5687 | Mosta Sierra Stationery | Printing of flyers iro KLZ Naxxar MeetTeen | €9.20 |
| 26-11-2016 | 5687a | IGB Hardware | Cable ties, robolts 8mm O hook, WD-40, clips for galv. Wire, galv. Wire | €34.85 |
| 28-11-2016 | 5688 | J B Stores | Adhesive spray | €27.00 |
| 28-11-2016 | 5689 | Impressions Ltd. | Printing of large posters for xmas activity | €696.20 |
| 29-11-2016 | 5690 | Jacksons Pipe Band | Zaqq u tanbur folk grp (grp of 5) Xmas Event Dec 16 | €300.00 |
| 29-11-2016 | 5691 | DOI | Advert on Govt Gazette re. Toy Run permit | €9.32 |
| 29-11-2016 | 5692 | Travel Services Malta | Booking of accommodation for delegation from the Municipality of Strumyani, Bulgaria | €315.00 |
| 29-11-2016 | 5693 | Archway Ironmongery | Drill 10mm, gas cylinder, galv. Wire, pvc tape, cable ties, glue | €117.20 |
| 29-11-2016 | 5694 | | *Cancelled* | |
| 29-11-2016 | 5695 | Chris B. Ltd | 3 boxes of 200 xmas lights each | €94.00 |
| 30-11-2016 | 5696 | Paramount | Transport for Greek delegation | €625.40 |
| 30-11-2016 | 5697 | Vitimalta | wine for lunch for the elderly | €64.90 |
| | | | **Total** | **€12,946.65** |